# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEZZJONI FAMILJA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbatax (14) ta' Diċembru 2023**

**Rikors Numru 203/2022 FDP**

Fl-atti tal-
Mandat ta' Inibizzjoni Nru 50/06 fl-ismijiet

**Eileen Vella**
(Passaport Ingliż 457656806)

**Vs**

**Joseph Vella**
(ID 30042G)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors konġunt ta' Mark Anthony Vella (ID 460665M), Nathalie Ann Vella (ID 190784M) u Joseph Vella (ID 30042G) datat 26 ta' Settembru 2022, li sar ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti Joseph Vella huwa kopropjetarju fis-segwenti propjeta:-*

        a. *Iż-żewġ garaxxijiet maġenb xulxin uffiċjalment innumerati wieħed u tlieta (1 u 3) ġewwa White Friars Street, Fgura, inkluż is-sottoswol ta' taħthom, liema garaxx numru wieħed (1) jinsab*

*sottostanti propjeta' ta' partijiet terzi filwaqt li l-garaxx numru tlieta (3) jinsab mibni taħt il-maisonette deskritt hawn taħt;*

b. *Il-maisonette flimkien mas-saqaf u l-ajra sovrastanti bl-isem 'Mardany' uffiċjalment innumerat numru ħamsa (5), White Friars Street, Fgura, li jinsab sovvrapost il-garaxx numru tlieta (3) deskritt hawn fuq;*

2. *Illi l-esponenti Mark Anthony Vella u Nathalie Vella għamlu att ta' konvenju ma' Joseph Vella u oħrajn datati s-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u sussegwentament numru ta' estenzjonijiet tal-istess konvenju;*

3. *Illi jirriżulta li l-esponenti Joseph Vella għad għandu Mandat ta' Inibizzjoni (numru 50/06) maħruġ fil-konfront tiegħu mill-imsemmija konvenuta Eileen Vella nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena 2016, liema mandat jistipula s-segwenti:-*

   *Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jixtieq iżomm l-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddispondi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi propjeta' u b'mod partikolari Sydney House, Triq iċ-Ċern, Xgħajra, Żabbar.*

4. *Illi dan il-mandat kien inħareġ in vista ta' proċeduri ta' separazzjoni personali bejn l-esponenti Joseph Vella u l-intimata Eileen Vella;*

5. *Illi l-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq ċitat huwa msejjes fuq il-formola numru 25 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema formola tistipula is-segwenti:-*

   *Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu xi proprjeta', u b'mod partikolari (hawn ikteb id-dettalji tal-proprjeta immobbli kif stipulati mill-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku).*

6. *Illi huwa ampjament ċar illi għalkemm il-kliem li joħroġ mill-formola hawn fuq ċitata jaqra "xi propjeta", nonostante, l-istess formula titlob ukoll li ssir referenza għall-proprjeta "b'mod partikolaru (hawn ikteb id-dettalji tal-propjeta' immobbli kif stipulat mill-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku).";*

7. *Illi fil-fatt, anke 1-Artikolu 874 (1) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula is-segwenti:-*

   *"L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjeta' li tiġi indikata fir-*

*rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b 'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali;"*

8. *Illi magħdud dan kollu, jidher illi għalkemm il-kliem tal-formola numru 25 tal- Kap. 12 tistipula il-kliem, 'xi propjeta', huwa ampjament ċar li l-liġi trid li meta jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni fejn it-talba teċċedi l-ammont ta' €11,646.86, wieħed għandu jispeċifika liema propjeta' għandu jolqot dak il-mandat. Fil-każ tal-mandat hawn fuq ċitat ċioe dak numru 50/2006, il-propjeta' li ġiet indikata hija Sydney House, Triq iċ-Ċern, Xgħajra, Żabbar;*

9. *Illi minkejja li ġiet speċifikata il-propjeta' ġewwa Żabbar, il-kliem "xi propjeta" li jinsabu fil-mandat t'inibizzjoni ċitat qegħdin jiġu interpretati b'mod li l-mandat in kwistjoni jolqot kwalunkwe propjeta' tal-esponenti Joseph Vella, inkluż dik parafernali, u għaldaqstant l-esponenti qegħdin jaffaċċjaw diffikultajiet prattiċi sabiex jwettqu t-trasferiment tal-propjeta' ġewwa l-Fgura, u dan minkejja li m'hijiex speċifikament indikata fil-mandat t'inibizzjoni;*

10. *Illi għaldaqstant, l-esponenti għandhom interess illi l-mandat numru 50/2006 jiġi limitat fis-sens illi jagħmilha ċara illi l-propjeta' milquta b'dak il-mandat hija limitatament dik indikata ċioe l-fond bl-isem Sydney House li jinsab ġewwa Triq iċ-Ċern, Xgħajra, Żabbar, u mhux kwalunkwe propjeta' oħra, u dan sabiex l-propjeta' in kwistjoni tkun libera minn kwalunkwe effett li jista' jkollu l-mandat hawn fuq imsemmi u b'hekk jkun jista' jsir trasferiment liberu tal-propjeta' imsemmija aktar il-fuq li qiegħda fil-Fgura u ta' liema l-partijiet għamlu konvenju fuqha.*

*Għaldaqstant, tgħid l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

1. *Tiddikjara illi il-propjeta' milquta bil-mandat ta' inibizzjoni numru 50/2006 fl-ismijiet Eileen Vella vs Joseph Vella li ġie akkordat nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena 2006 hija strettament limitata għall-fond bl-isem Sydney House, Triq iċ-Ċern, Xgħajra, Żabbar;*

2. *Tagħti kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrila li huwa xieraq, bl-għan aħħari illi dik il-propjeta', ċioe:-*

   a. *Iż-żewġ garaxxijiet maġenb xulxin uffiċjalment innumerati wieħed u tlieta (1 u 3) ġewwa White Friars Street, Fgura, inkluż is-sottoswol ta' taħthom, liema garaxx numru wieħed (1) jinsab sottostanti propjeta' ta' partijiet terzi filwaqt li l-garaxx numru tlieta (3) jinsab mibni taħt il-maisonette deskritt hawn taħt;*

   b. *Il-maisonette flimkien mas-saqaf u l-ajra sovrastanti bl-isem 'Mardany' uffiċjalment innumerat numru ħamsa (5), White Friars*

*Street, Fgura, li jinsab sovvrapost il-garaxx numru tlieta (3) deskritt hawn fuq;*

*Jiħu għal kollox ħielsa minn kwalunkwe effetti tal-mandat numru 50/2006 fl-ismijiet Eileen Vella vs Joseph Vella li ġie akkordat nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena 2006.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*

11. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2022, il-Qorti ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti b'ġimgħatejn żmien għar-risposta.

12. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2023, ir-rikorrent talbu għall-ħatra ta' Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta Eileen Vella li tirrisjedi barra minn Malta, liema talba intlaqgħet fit-18 ta' Jannar 2023.

13. Rat illi fis-7 ta' Frar 2023, ġew appuntati l-Avukat Dr Joseph P Bonnici u l-PL Nicolette Aquilina, bħala Kuraturi Deputati għall-assenti Eileen Vella.

14. Rat illi fit-28 ta' April 2023, il-Kuraturi Deputati Dr Joseph P Bonnici u l-PL Nicolette Aquilina laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu tagħhom.*
    2. *Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li l-proċeduri tal-firda personali bejn il-konjuġi Vella ġew konklużi definittivament u li l-fond de quo ġie assenjat lil żewġha. Inoltre jrid jiġi ppruvat li s-sinjura Vella ma għadhiex tirrisjedi hawn Malta in vista li ġiet mitluba w akkordata t-talba għal nomina ta' kuraturi deputati.*
    3. *Illi in vista li si tratta ta' Inibizzjoni, il-partijiet ma setgħux jikkonkludu l-ebda konvenju li jwassal għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt notarili.*
    4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-mandat oriġinali ġie ottjenut regolarment u skond il-Liġi. Hawn wieħed jistaqsi għaliex tħalla daqstant żmien jgħaddi inutilment.*
    5. *Illi d-drittijiet tagħha ma jistgħux jiġu menomati. Tista' tiġi fornita garanzija alternattiva?*
    6. *Fi kwalsiasi każ, ir-rikavat x'ser isir minnu.*

15. Rat illi fid-29 ta' Mejju 2023 ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ għat-12 ta' Ġunju 2023.

16. Rat illi fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Qorti ordnat illi jittella' jixhed Joseph Vella.

17. Rat illi fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2023, deher Ivan Vella (ID 319475M), iben Joseph Vella u Eileen Vella, illi għarraf lill-Qorti illi Joseph Vella miet fid-19 ta' Lulju 2023 u li huwa għandu l-prokura sabiex jidher għan-nom ta' ommu Eileen Vella għar-rigward tal-affarijiet finanzjarji tagħha, fejn eżebixxa 'animo ritirandi', prokura datata 10 ta' Ottubru 2022.

18. Semgħet ix-xhieda ta' Ivan Vella mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2023, fejn ikkonferma illi Eileen Vella tirrisejdi permanentement ġewwa l-Ingilterra u kkonferma illi l-ġenituri

tiegħu kienu sseparaw legalment filwaqt illi stqarr li ma jarax illi hemm problema sabiex il-kuntratt finali imsemmi fir-rikors promotur iseħħ iżda ried jikkonferma ma’ ommu, Eileen Vella.

19. Semgħet ix-xhieda ta’ Ivan Vella mogħtija fit-30 ta’ Novembru 2023, fejn ikkonferma illi wara illi huwa ikkonsulta ma’ ommu, Eileen Vella, ma kien hemm ebda oġġezzjoni da’ parte tagħha illi jiġi konkluż il-konvenju datat 6 ta’ Marzu 2017.

20. Rat illi fit-30 ta’ Novembru 2023, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tiddegreta finalment ir-rikors odjern.

21. Rat illi għalhekk, in vista tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn Ivan Vella, għan-nom ta’ Eileen Vella, il-Qorti ma tara ebda raġuni ‘l għaliex ma għandhiex tilqa’ t-talba kif dedotta.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

**Tiddikjara** illi il-propjeta’ milquta bil-mandat ta’ inibizzjoni numru 50/2006 fl-ismijiet Eileen Vella vs Joseph Vella li ġie akkordat nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena 2006 hija strettament limitata għall-fond bl-isem Sydney House, Triq iċ-Ċern, Xgħajra, Żabbar;

**Tiddikjara** illi l-propjeta’ hawn taħt indikata ma għandhomx jitqiesu bħala milquta bil-mandat ta‘ inibizzjoni numru 50/2006:-

a. Iż-żewġ garaxxijiet maġenb xulxin uffiċjalment innumerati wieħed u tlieta (1 u 3) ġewwa White Friars Street, Fgura, inkluż is-sottoswol ta’ taħthom, liema garaxx numru wieħed (1) jinsab sottostanti propjeta' ta’ partijiet terzi filwaqt li l-garaxx numru tlieta (3) jinsab mibni taħt il-maisonette deskritt hawn taħt;

b. Il-maisonette flimkien mas-saqaf u l-ajra sovrastanti bl-isem ‘Mardany’ uffiċjalment innumerat numru ħamsa (5), White Friars Street, Fgura, li jinsab sovvrapost il-garaxx numru tlieta (3) deskritt hawn fuq;

**Tordna** illi tali deċiżjoni tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**